IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.8.2021
COM(2021) 472 final

2021/0266 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika ta' Ċipru

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet għall-proposta u l-objettivi tagħha

Skont l-Artikolu 3(1) u (2) tal-Att tal-2003 tal-Adeżjoni f-Unjoni Ewropea[1] xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen huma diġà applikabbli f'Ċipru mid-data tal-adeżjoni, filwaqt li dispożizzjonijiet oħra japplikaw biss bis-saħħa ta' Deċiżjoni tal-Kunsill għal dan il-għan wara verifika li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-partijiet kollha ta' dak l-*acquis*. Din il-verifika ssir skont il-proċeduri ta' evalwazzjoni rilevanti ta' Schengen.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013, li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen[2], jipprevedi dawn il-proċeduri ta' evalwazzjoni ta' Schengen. Fit-28 ta' Mejju 2019, Ċipru ddikjara r-rieda u l-impenn tiegħu li japplika l-partijiet kollha tal-*acquis* ta' Schengen u li jkun soġġett għal evalwazzjonijiet ta' Schengen, sa fejn ikun possibbli meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċjali ta' Ċipru kif rikonoxxuti fil-Protokoll Nru 10 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003. F'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013, il-Kummissjoni emendat il-programmi[3] ta' evalwazzjoni annwali[4] u pluriennali fil-15 ta' Ottubru 2019 biex tinkludi l-evalwazzjoni ta' Ċipru fl-2019 u l-2020. L-ambitu ġeografiku tal-evalwazzjonijiet ta' Schengen f'Ċipru jqis iċ-ċirkostanzi speċjali ta' Ċipru.

L-evalwazzjoni ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tista' sseħħ biss meta s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tkun tpoġġiet fis-seħħ u qed topera f'Ċipru. Għaldaqstant, jeħtieġ li l-Kunsill jadotta Deċiżjoni dwar it-tpoġġija fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen f'Ċipru.

Il-Kunsill jista' biss jieħu tali Deċiżjoni wara li Ċipru jkun għamel l-arranġamenti tekniċi u legali meħtieġa, inkluż dawk rigward il-protezzjoni tad-*data*, biex jipproċessa d-*data* tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u jiskambja informazzjoni supplimentari. Skont dan, f'Novembru 2019 twettqet evalwazzjoni ta' Schengen biex tivverifika l-livell tal-protezzjoni tad-*data* f'Ċipru. Wara l-opinjoni pożittiva tal-Kumitat ta' Schengen[5], fil-5 ta' Novembru 2020, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni[6], il-Kummissjoni adottat ir-rapport ta' evalwazzjoni li jikkonferma li ntlaħaq livell sodisfaċenti ta' protezzjoni tad-*data*.

Sadanittant, timijiet fuq il-post wettqu żjarat ta' evalwazzjoni ta' Schengen f'Ċipru f'oqsma oħra tal-*acquis* ta' Schengen, b'mod partikolari dwar ir-ritorn (Novembru 2020), il-kooperazzjoni tal-pulizija (Frar 2021) u l-fruntieri esterni (Frar 2021).

---

1 ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33.
2 ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.
3 C (2019) 7326.
4 C (2019) 7278.
5 Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 21 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013.
6 C (2020) 8150.

Barra minn hekk, fit-3 ta' Diċembru 2020, il-Grupp Konsultattiv tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II[7], fuq il-bażi tar-riżultati tar-Rapport Sommarju tat-Test (2020–377) prodott mill-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, ikkonferma li minn perspettiva teknika s-sistema nazzjonali ta' Ċipru hija lesta li tintegra fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u s-sistema nazzjonali tagħha hija adatta għall-iskop tagħha.

Għalhekk issa huwa possibbli għall-Kunsill li jistabbilixxi d-data minn meta l-*acquis* ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għandu japplika f'Ċipru. Id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni jenħtieġ li jippermetti li d-*data* tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tiġi trasferita lil Ċipru. L-użu ta' din id-*data* f'Ċipru jenħtieġ li jippermetti lill-Kummissjoni tivverifika, skont il-proċeduri ta' evalwazzjoni ta' Schengen, li d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen qed jiġu applikati b'mod korrett.

Ċerti restrizzjonijiet dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen f'Ċipru ser jiġu imposti sakemm il-Kunsill jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni sħiħa tal-*acquis* ta' Schengen f'Ċipru u dwar it-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni. Tali Deċiżjoni għandha tittieħed biss meta jkun ġie vverifikat li l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-partijiet kollha tal-*acquis* rilevanti jkunu ġew issodisfati f'Ċipru skont l-Artikolu 3(2) tal-Att tal-Adeżjoni.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta għandha l-għan li ddaħħal fis-seħħ id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen f'Ċipru.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta torbot mad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data* u tal-kooperazzjoni tal-pulizija.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 3(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 mal-Unjoni Ewropea.

- **Is-sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-Artikolu 3(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003 jistipula li d-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen mhux imsemmija fl-Artikolu 3(1) ta' dak l-Att, għandhom japplikaw biss f'Cipru wara deċiżjoni tal-Kunsill għal dak l-għan.

- **Proporzjonalità**

L-Artikolu 15(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 jirrifletti s-setgħat speċifiċi tal-Kunsill fil-qasam tal-evalwazzjoni reċiproka tal-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

[7] Il-grupp Konsultattiv tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II twaqqaf biex jipprovdi lill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA) b'għarfien espert relatat mas-sistema ċentrali tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II. Il-Grupp Konsultattiv huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni. Il-proċeduri għat-tħaddim u l-koperazzjoni tal-Gruppi Konsultattivi huma stabbiliti mill-Bord Maniġerjali fir-regoli ta' proċedura tal-eu-LISA.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

F'konformità mal-Artikolu 14(5) u l-Artikolu 21(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013, l-Istati Membri taw l-opinjoni pożittiva tagħhom dwar ir-rapport ta' evalwazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data* fil-Kumitat ta' Schengen tad-9 ta' Lulju 2020. Ir-rapport ġie adottat fil-5 ta' Novembru 2020.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

mhux applikabbli.

- **L-idoneità regolatorja u s-simplifikazzjoni**

mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Matul il-proċess tal-evalwazzjoni ta' Schengen, titqies il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali meta jkun applikat l-*acquis* ta' Schengen.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

mhux applikabbli.

5. ELEMENTI OĦRA

mhux applikabbli.

2021/0266 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika ta' Ċipru

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-2003, u partikolarment l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[8],

Billi:

(1) L-Artikolu 3(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 jistabbilixxi li d-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen mhux imsemmija fl-Artikolu 3(1) ta' dak l-Att, għandhom japplikaw f'Ċipru biss skont deċiżjoni tal-Kunsill għal dak il-għan, wara verifika, f'konformità mal-proċeduri ta' evalwazzjoni ta' Schengen applikabbli, li l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-partijiet kollha tal-*acquis* rilevanti ġew issodisfati f'Ċipru, inkluża l-applikazzjoni effettiva tar-regoli kollha ta' Schengen f'konformità mal-istandards komuni maqbula u mal-prinċipji fundamentali.

(2) Il-proċeduri ta' evalwazzjoni ta' Schengen applikabbli huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013[9]. Tali evalwazzjoni, madankollu, trid tqis iċ-ċirkostanzi speċjali ta' Ċipru, kif rikonoxxuti fil-Protokoll Nru 10 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003. Barra minn hekk, fid-dikjarazzjoni ta' tħejjija tiegħu, Ċipru tenna l-impenn tiegħu ladarba l-evalwazzjoni tiġi konkluża, li għandha tiġi ppreżentata għal evalwazzjonijiet ulterjuri regolari ta' Schengen dwar l-aspetti tal-*acquis* ta' Schengen li ser isiru applikabbli mill-Kunsill sa dak iż-żmien.

(3) L-evalwazzjoni ta' Schengen dwar il-protezzjoni tad-*data* twettqet f'Ċipru f'Novembru 2019. Rapport ta' evalwazzjoni adottat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C (2020) 8150 f'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, ikkonferma li l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen relatati mal-protezzjoni tad-*data* ġew issodisfati f'Ċipru.

(4) F'konformità mal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/450[10] ġie vverifikat li, mil-lat tekniku, is-sistema nazzjonali ta' Ċipru hija lesta li tintegra fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

---

8 ĠU C [xx], p [XX].

9 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen (ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.)

10 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/450 tas-16 ta' Marzu 2015 li tistabbilixxi rekwiżiti tal-ittestjar għall-Istati Membri li jintegraw fis-Sistema ta' Informazzjoni ta'

(5) Għalhekk, wara li Ċipru għamel l-arranġamenti tekniċi u legali meħtieġa biex jipproċessa d-*data* tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u jiskambja informazzjoni supplimentari, issa huwa possibbli għall-Kunsill li jistabbilixxi d-data minn meta l-*acquis* ta' Schengen relatat mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għandu japplika f'Ċipru.

(6) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tippermetti li d-*data* tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tiġi trasferita lil Ċipru. L-użu konkret ta' dik id-*data* jenħtieġ li jippermetti lill-Kummissjoni tivverifika l-applikazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen f'Ċipru. Ladarba jkun ġie vverifikat li ġew issodisfati l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-partijiet kollha tal-*acquis* ta' Schengen f'Ċipru, il-Kunsill jenħtieġ li jiddeċiedi dwar it-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni.

(7) Jenħtieġ li tiġi adottata Deċiżjoni tal-Kunsill separata li tistabbilixxi data għat-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni ma' Ċipru. Sad-data stabbilita f'dik id-Deċiżjoni, jenħtieġ li jiġu imposti ċerti restrizzjonijiet fuq l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen f'Ċipru.

(8) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni tagħhom mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[11] li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt G tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE[12].

(9) Fir-rigward tal-Iżvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[13], li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt G tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE[14] u mal-Artikolu 3tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/149/ĠAI[15].

(10) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-

---

Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) jew li jibdlu sostanzjalment is-sistemi nazzjonali direttament relatati tagħhom (ĠU L 74, 18.3.2015, p. 31).

11 ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

12 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

13 ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

14 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

15 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/149/ĠAI tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 50).

Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[16], li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt G tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/349/UE[17] u l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE[18],

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Soġġett għall-kondizzjonijiet speċifikati f'dan l-Artikolu, minn [...] * [*id-data trid timtela mill-Kunsill*], id-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, stabbiliti fl-Anness, għandhom japplikaw fir-Repubblika ta' Ċipru fir-relazzjonijiet tagħha ma':

   (a) ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tan-Netherlands, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja.

   (b) L-Irlanda fir-rigward tad-dispożizzjonijiet imsemmija fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI[19].

   (c) ir-Repubblika tal-Iżlanda, il-Prinċipalità tal-Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Żvizzera.

2. Minn [...] * [*id-data trid timtela mill-Kunsill*], l-allerti, l-informazzjoni supplimentari u d-*data* addizzjonali li ġejja tista' ssir disponibbli għal Ċipru f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI u r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20]:

   (a) twissijiet definiti fl-Artikolu 3(1), punt (a), ta' dik id-Deċiżjoni u fl-Artikolu 3, punt (a), ta' dak ir-Regolament;

---

16 ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

17 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/349/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat b'mod partikolari mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u l-kooperazzjoni tal-pulizija (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 1).

18 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

19 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen Tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63).

20 Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II), (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4).

(b) informazzjoni supplimentari u *data* addizzjonali, definiti fl-Artikolu 3(1), punti (b) u (c), ta' dik id-Deċiżjoni u l-Artikolu 3, punti (b) u (c), ta' dak ir-Regolament, li huma konnessi ma' dawk it-twissijiet.

3. Minn [...] * [*id-data trid timtela mill-Kunsill*], Ċipru għandu jkun jista' jdaħħal allerti u *data* addizzjonali fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, juża d-*data* tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u jiskambja informazzjoni supplimentari, soġġett għall-paragrafu 4.

4. Sakemm jitneħħew il-kontrolli fil-fruntieri interni ma' Ċipru, Ċipru:

(a) ma għandux ikun obbligat jirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn lil ċittadini ta' pajjiż terz fit-territorju tiegħu li tkun inħarġet twissija għalihom mingħand Stat Membru ieħor għall-finijiet tar-rifjut tad-dħul jew is-soġġorn skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006;

(b) għandu joqgħod lura milli jdaħħal twissijiet u informazzjoni addizzjonali fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen kif ukoll milli jiskambja *data* supplimentari dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' ċaħda ta' dħul jew soġġorn f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President